MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 77/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**Vs**
**James Buhagiar**

**Illum 28 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant James Buhagiar [detentur tal-karta tal-identita` numru 153891 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. nhar l- 1 ta' Jannar 2010 ghall- habta ta' bejn is- 2.00am u s- 2.30am waqt li kien qieghed isuq vettura li ggib numru JMS-900 matul Triq Burmarrad, Burmarrad, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl- arti jew professjoni tieghu jew b' nuqqas ta' tharis tar- regolamenti tat- traffiku, habat ma' vettura li ggib numru CBJ 958 bil- konsegwenza li kkaguna offizi ta' natura gravi u ta' dizabilita permanenti fuq il- persuna ta'

Raymond Aquilina minn San Pawl il- Bahar u dan skont ma kif verbalment iddikjara t- tabib Dr. Jonathan Joslin MD tal- isptar Mater Dei;

2. u aktar talli fl-istess data, hin u lok kkaguna hsara nvolontarja fuq il- vettura li ggib numru CBJ 598 u dan ghad- dannu ta' Raymond Aquilina;

3. u aktar talli fl- istess data, hin u lok, saq vettura li ggib numru JMS- 900 fuq in- naha tal- lemin tieghu u dan bi ksur tal- Artikolu 75 tal- Avviz Legali 65.11 u talli saq l- istess vettura b' sewqan perikoluz u traskurat;

4. u aktar talli fl- istess data, hin u lok saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll tal- vettura JMS 900 fi triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb;

5. aktar talli fl- istess data, hin u lok saq jew ippruva jsuq jew kellu kontroll tal- vettura li ggib numru JMS 900 fi triq jew f' post pubbliku wara li kkunsma tant alkohol li l- proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mil- limitu preskritt fil- Ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 328(b) u (d) tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 15(1)(a), (2), (3), 15A u 15B tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant ikkundannatu terminu ta' hmistax (15) –il xahar prigunerija sospizi ghal erba` (4) snin ai terminu tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Ikkundannatu inoltre multa ta' elf Ewro (€1,000).
Ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-appellant ghall-perjodu ta' sentejn.
Il-Qorti spjegat il-portat ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-20 ta' April, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza appellata fis-sens li tiddikjarah mhux hati skond il-ligi u konsegwenza t'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, fl-eventwalita` li

din il-Qorti ssib htija, tvarja l-piena billi thassar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti u minflok tinfliggi piena aktar miti minhabba c-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti messha ma sabitux hati fir-rigward tar-raba u l-hames akkuzi u akkordat piena aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.
2. Illi l-fatti ta' dan l-appell huma cari. L-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu JMS 900 fi Triq Burmarrad San Pawl il-Bahar sejjer fid-direzzjoni tal-Mosta meta sar skontru mal-vettura CBJ 598 misjuqa minn Raymond Aquilina. L-incident, skond l-appellant, kien "crown of the road collision" izda l-vetturi t-tnejn spiccaw fuq il-karreggjata li tiehu lejn San Pawl il-Bahar. Dana sehh minhabba l-fatt li l-appellant ha "evasive action" u dawwar il-vettura tieghu lejn il-lemin.
3. B'rizultat ta' dan l-incident iz-zewg vetturi sofrew hsarat intensivi u z-zewg sewwieqa wegghu. L-appellant sofra griehi ta' natura hafifa waqt li Raymond Aquilina sofra griehi gravi u debilita` permanenti.
4. saret inkjesta Magisterjali u l-proces verbal gie esebit in atti.
5. L-appellant biss tressaq il-Qorti (ghal ragunijiet li tafhom biss il-prosekuzzjoni Raymond Aquilina ma tressaqx il-Qorti) u ammetta l-ewwel tlett akkuzi stante li accetta li kellu almenu parti mit-tort ghal dan l-incident.
6. Dan il-kaz ghandu aspetti fattwali li rrizultaw mill-proces verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti. Dwar il-konkluzzjonijiet migbura minn l-espert tat-Traffiku Mario Buttigieg l-appellant jaghmel rimarka semplici li pero` tiswa hafna ghat-tezi tieghu. L-espert ikkonkluda li kellu jitressaq biss l-appellanti kemm fuq sewqan negligenti kif ukoll fuq sewqan taht l-influwenza ta' xorb. Sahaq fuq il-fatt li kien biss l-appellant li kien negligenti fis-sewqan tieghu u li hu kien xurban, izda passi fil-konfront ta' Raymond Aquilina ma kellhomx jittiehdu.

7. L-appellant jistqsi legittimament – ghaliex? Dan qed jinghad primarjament fir-rigward tar-raba` w il-hames akkuza. Galadarba ma kien xhemm provi fir-rigward ta' Aquilina ghal dik li kienet negligenza u sewqan taht l-influwenza ta' xorb, daqstant allura ma kienux jezistu l-istess provi fir-rigward tal-appellant ! Il-fatt innifsu li Aquilina ma tressaqx, fuq konkluzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, certament ghandu jikkreja element ta' dubju li jmur favur l-appellant.

8. Aktar u aktar meta tigi ezaminata x-xhieda tal-perit mediku Dr. Mario Scerri li fir-rapport tieghu kkonkluda li kien hemm elementi ta' xorb fiz-zewg sewwieqa.

9. L-appellant jishaq ulterjorment li f'kazijiet bhal dawn hemm in-necessita` assoluta li jkun hemm certu element ta' certezza f'dik li hi konferma li sewwieq ikun taht l-influwenza ta' xorb. Huwa minnu li kull Qorti tista` tasal ghal certu konkluzzjonijiet minn assiem ta' provi izda jibqa` l-fatt li l-prova dwar xorb jew le hija nieqsa f'element fondamentali. Fir-rapport ta' Dr. Mario Scerri ma hemm ebda riferenza ghal hin meta ttiehdu l-kampjuni relattivi u saru l-ezamijiet relattivi. Dan ifisser li ma hemmx il-prova cara u inekwivoka li fil-mument tal-incident l-appellant kien qed isuq taht influwenza ta' xorb. Infatti fir-rapport ta' Dr. Mario Scerri ma seta` qatt jigi dikjarat li l-appellant kien xurban proprju minhabb trapass ta' zmien – jew nuqqas ta' prova dwar it-trapass ta' zmien.

10. Ghalhekk dawn iz-zewg fatturi kif fuq riferiti (nuqqas ta' prova dwar trapass ta' zmien u nuqqas ta' konkluzzjoni simili fil-kaz ta' Raymond Aquilina) ghandhom ikunu tali li jigi dikjarat li ma saritx il-prova, fil-grad rikjest skond il-ligi (beyond a reasonable doubt) li l-appellanti kien qed isuq taht influwenza ta' xorb.

11. Ai finijiet ta' piena in generali l-appellant ghandu dawn il-punti x'jaghmel ta' indoli legali u fattwali.

12. Illi fl-umli u konsiderata opinjoni tal-esponenti, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija wahda harxa, eccessiva u sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi partikolari li jiccirkondaw il-fatti tal-kaz odjern, u dan ghal motivi u ghar-ragunijiet li sejrin jigu elenkati u esposti fil-prezenti rikors.

13. Illi wiehed jibda` biex jirrileva u jissottolineja l-kondotta nadifa tal-appellant, l-eta` tieghu u l-fatt li hawn

si tratta ta' reat ta' indoli involontarju. Dawn il-fatturi, flimkien ma dawk ta' indoli legali illi ser jigu trattati hawn aktar 'il quddiem, kellhom jinducu l-Ewwel Qorti tinfliggi piena diversa minn dik raggjunata fid-decizjoni.

14. Illi dawn is-senjalazzjonijiet qed isiru bl-iskop li jigi emfasizzat il-punt illi ghalkemm, minn banda, is-soggett attiv tar-reat ghandu jigi rimproverat ghall-event sinistru b'imposizzjoni ta' piena li tikkorrispondi ma' l-effetti tal-kondotta tieghu mill-banda l-ohra, fl-imposizzjoni ta' tali piena l-gudikant ghandu dejjem jiehu in konsiderazzjoni l-fattispecji kollha tal-kaz li jinsab quddiemu sabiex il-piena tkun verament tirrispekkja dik il-misura li gustament ghandu jissokkombi ghaliha l-imputat.

15. Illi *in primis* jigi ribadut li l-principju regolatur in materja ta' piena hu li mhuwiex normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat (ara *inter alia,* Il-Pulizija vs Colin Spiteri (13/02/2006) [App. Krim. Nru. 160/2005 DS]).

16. Illi dan hu principju generali li jirregola l-materja in kwistjoni u dan hekk kif enunzjat f'diversi gudikati tal-Qrati taghna. Illi b'referenza ghall-paragrafu precedenti jigu rikalkati u emfasizzati l-kliem/frazijiet "mhuwiex normali", "ma jkun hemm xejn x'jindika", "inqas minn dik li tkun inghatat". Illi l-ewwel frazi tindika li dan il-principju hu wiehed generiku u ta' applikabilita` generali u li, konsegwentement, joffri certu eccezzjonijiet f'certu kazijiet. It-tieni frazi tissottolineja l-possibilita` li jekk jkunu jezistu certu fatturi emergenti mill-fatti partikolari tal-kaz, allura l-Qorti tat-tieni grad tkun propensa li tvarja l-piena erogata mill-Qorti tal-ewwel grad. It-tielet u l-ahhar frazi indikata titkellem fuq il-quantum, u allura implicitament tista` tfisser illi l-Qorti fil-grad ta' appell tista` tibdel ix-xorta u l-kwalita` tal-piena moghtija, per ezempju piena ta' prigunerija mibdula proporzjonalment ghal wahda ta' multa (illi b'analogija jigi nvokat l-artikolu 11 tal-Kap. 9 fejn l-invers hu possibbli u cioe` fejn multa ta' tithallasx mill-hati, tali tigi konvertita f'perjodu ta' prigunerija).

17. Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Noel Cutajar) vs Joseph Attard jinsab affermat illi huwa rarament li l-Qorti fi stadju ta' l-appell tbiddel il-piena li

tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi. Applikat dan l-insenjament ghal-kaz konkrett odjern, il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti hi kkontemplata u wahda li tirrijentra fil-parametri mposti mill-Kodici Kriminali, izda ghall-fattispecji tal-kaz prezenti, hi wahda, fl-umli opinjoni tal-esponenti, ferm harxa u anke sproporzjonata ghal dak li ghamel il-hati, considerando li r-reat in kwistjoni, jerga` jigi ribadit, hu wiehed involontarju, l-eta` relattivament zghira tal-hati, l-fatt li l-fedina penali hi wahda netta u tenut kont tal-fatt li l-imputat jidher li hu ta' karattru tajjeb mill-mod ta' kif gab ruhu fl-ordnijiet ta' din il-Qorit. Illi inoltre l-esponent jislet bran iehor mis-sentenza l-ahhar citata u li jghid li "din il-Qorti gieli, ukoll, varjat xi piena meta tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilefx xi opportunita` ghall-hati li biha jkun jista` jerga` jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz".

18. Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal gudikat fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef fejn hemm rintraccjat l-iskop tal-piena – principalment ta' dik karcerarja – fejn hemm ritenut illi :

19. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta`, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, s-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.

Illi analizi ta' dan il-bran jkompli jindika li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti, dejjem bid-dovut rispett, kienet wahda ngusta u ferm harxa. Wiehed u tenut jikkonsidra li l-appellant, allura imputat, mhux ta' minaccja ghas-socjeta` li ma hemm bzonn ebda tip ta' riforma fil-karattru tal-istess

appellant u li ma kien hemm ebda tip ta' kondotta vjolenti da parti tieghu.

20. Illi l-esponenti jhoss ulterjorment li l-Ewwel Qorti, bid-dovut rispett, ma taghtx il-piz opportun lin-negligenza kontributorja tal-istess vittma tal-akkadut sinistru mertu ta' dan il-procediment penali.

21. Illi f'dan ir-rigward assodat hu l-principju, kemm mill-guristi in materja penali u anke mill-Qrati nostrai li "lanqas ma tiswa bhala skriminanti n-negligenza kontributorja tal-vittma, jekk ma jirrizultax li kien hemm xi att tal-vittma li kkaguna l-mewt taghha, independentement min-negligenza ta' l-imputat (ara inter alia Il-Pulizija vs Manwel Xerri (28/02/1953) [Vol. XXXVII(D)-IV-1047]).

22. Illi maghdud dan, hu ukoll principju ukoll stabbilit illi fil-kamp penali *"La colpa concorrente della vittima dev'essere tenuta presente per la misura della pena, e influisce sempre sulla liquidazione del danno".* Dan gie anke abbraccjat favorevolment mill-Qrati taghna bhal fid-decizjoni ta' Il-Pulizija vs Joseph Farrugia deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-1 ta' Gunju, 1963 per Onor. Imhallef W. Harding.

23. Illi affermati dawn il-principji l-esponenti reverentement jissottometti lil din l-Onorabbli Qorti li l-parte civile f'dan l-incident, Raymond Aquilina, kien ukoll negligent fis-sewqan tieghu stante li hawn si tratta ta' "middle of the road collision".

24. Jekk din l-Onor. Qorti ma taccettax it-tezi tal-appellant li ghandu jigi skolpat kompletament fir-rigward tal-akkuzi 4 u 5 (sewqan taht influwenza) allura din il-Qorti jkollha taccetta wkoll li l-istess parte civile kien ukoll xurban fil-mument li sar l-incident in kwistjoni u ghalhekk il-punti relattivi ghal negligenza kontributorja ghandhom jimmilaw favur l-appellant. Dana billi l-parte civile kien vittma tal-incident di volonta`1 propria billi ha r-riskju, u b'hekk assuma porzjon ta' responsabilita` ta' sewqan traskurat u wkoll taht l-influwenza.

25. L-esponenti b'dan ma jridx jigi miftiehem li b'xi mod qed jipprova jiskolpa ruhu mir-responsabilitajiet tieghu izda certament ai finijiet ta' piena l-kontributorjeta` hija fattur determinati – ghalkemm jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat kompletament dan il-fatt.

26. Hekk kif gie affermat fil-kawza gja kwotata ta' "Il-Pulizija vs Manwel Xerri", meta il-gudikant jghaddi sabiex jezamina jekk kien hemm o meno htija kontributorja tal-vittma, l-Qorti sostniet illi *".... din hija konsiderazzjoni ta' l-akbar importanza, li l-gudikant ma jistax jittrazandaha bla ma jivvjola l-kriterji li ghandhom jiggwidawh biex il-piena tkun gusta. Infatti, hija haga l-aktar cara li jehtieg li ssir distinzjoni, ghall-finijiet ta, l-irrogazzjoni tal-piena, bejn il-kaz ta' min jaghmel att perikoluz li bih joqtol persuna ohra bla ma dik il-persuna l-ohra tkun bl-ebda mod ikkonkorriet biex tqieghed ruhha f'dak il-perikolu, u tkun ghalhekk il-vittma inkoxjenti ta' dak l-att perikoluz, u l-kaz ta' min b'att perikoluz jikkaguna l-mewt ta' persuna li tkun volontarjament, b'ghajnejha miftuha, poggiet ruhha f'dak il-perikolu, persuna li qeghdet ruhha f'dak il-perikolu liberament, persuna ta' l-eta` tad-dixxerniment, li ma kienet taht ebda obligazzjoni li tesponi ruhha .....".*
27. Ulterjorment l-appellant qed jitlob li din l-Onor. Qorti tal-Appell tevalwa b'mod aktar wiesgha u prattika l-elementi li fuq issemmew kif ukoll l-ammissjoni relattiva.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku illi gara fl-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u ghaxra (2010) bejn is-saghtejn u s-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.00 a.m. – 2.30 a.m.) waqt illi l-appellant kien qed isuq Land Rover bin-numru JMS 900 matul Triq Burmarrad, Burmarrad fejn habat ma' karozza Toyota Vitz bin-numru CBJ 958 misjuqa minn Raymond Aquilina minn San Pawl il-Bahar fejn spicca b'feriti ta' natura gravi u b'dizabilità permanenti. L-appellant qed jigi akkuzat ukoll illi huwa kkawza dan l-incident meta kien taht l-influwenza tax-xorb.

L-appellant gie addebitat b'hames (5) akkuzi, l-ewwel wahda talli b'nauqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nauqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu habat ma' vettura bin-numru CBJ 958 bil-konsegwenza li kkaguna offizi ta' natura gravi u dizabilità permanenti fuq il-persuna ta'Raymond Aquilina, it-tieni talli ghamel hsara involontarja fuq il-vettura CBJ 958, it-tielet talli saq il-

vettura tieghu fuq in-naha tal-lemin tat-triq bi ksur tal-artikolu 75 tal-Avviz Legali 65.11 u talli saq l-istess vettura b'sewqan perikoluz u traskurat, ir-raba' talli saq vettura jew kellu vettura taht il-kontroll tieghu meta ma kienx f'kondizzjoni illi jsuq minhabba xorb, u l-hames talli kellu kontroll tal-vettura li ggib in-numru JMS 900 wara li jkun ikkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fid-demm jew fl-urina kien izjed mil-limitu preskritt mil-ligi.

Jinghad mill-bidunett illi fi stadju avvanzat ta' din il-kawza l-appellant ammetta l-ewwel tlett akkuzi fil-konfront tieghu u b'sentenza moghtija fit-tnejn (2) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hmistax-il (15) xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, kif ukoll multa ta' elf ewro (€1,000) u sospensjoni tal-licenzja kollha tas-sewqan tieghu ghal zmien sentejn.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza il ghaliex skont hu l-Qorti tal-Magistrati ma messiex sabitu hati fir-rigward tar-raba' u l-hames akkuzi.

Ikkunsidrat:

Peress illi l-appellant ammetta l-ewwel tlett akkuzi din il-Qorti mhiex se tikkonsidra d-dinamika tal-incident. Bizzejjed jinghad illi l-appellant kien responsabbli ghal dan l-incident u ta' dan ghandu jwiegeb. L-appellant, però qed jikkontendi illi mhux hu biss kellu jigi mharrek biex iwiegeb ghal dan l-incident imma anke l-parti leza Raymond Aquilina peress illi kellu fattur kontributorju f'dan l-incident peress illi l-incident sar "on the crown of the road". Ma kienx sewwa illi l-Prosekuzzjoni ghazlet kontra min ghandha tmexxi u tefghet il-piz ta' dan l-incident kollu fuq l-appellant.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi mhuwiex minnu illi l-incident gara "on the crown of the road". L-incident gara nettament fil-karreggjata tax-xellug illi kien ghaddej fiha l-parti leza Raymond Aquilina. Ma rrizulta l-ebda prova illi Raymond

Aquilina mar fuq in-naha hazina tat-triq u biex jevitah, l-appellant kellu bilfors imur fuq in-naha tal-lemin. Din il-verzjoni mhiex veritiera u lanqas ma tinkwadra fid-dinamika tal-incident bil-mod xjentifiku u elaborat illi l-perit tekniku ibbaza l-konkluzjonijiet tieghu.

Din il-Qorti hija sodisfatta illi ma hemm l-ebda fattur kontributorju min-naha tas-sewwieq l-iehor Raymond Aquilina li kien isuq fuq il-karreggjata tieghu b'velocità regolari ta' sitta u tletin kilometru (36 kms) fis-siegha waqt li l-appellant kien ghaddej b'velocità ta' mija u sitta kilometri (106 kms) fis-siegha. Mehud kont fid-diskrepanza fit-tip, piz u ghamla taz-zewg vetturi l-Qorti ma tiskanta xejn illi l-vettura ta' Aquilina spiccat f'dak l-istat dizastruz illi jidhru fir-ritratti esebiti f'dawn l-atti. Ghamel sew l-appellant illi ammetta l-ewwel tlett akkuzi ghaliex bi provi bhal dawn difficli l-Qorti tifhem x'tip ta' gustifikazzjoni seta' kellu.

Il-lanjanza principali tieghu però kienet illi ma messux instab hati tar-raba' u l-hames akkuzi li jikkoncernaw is-sewqan taht l-influwenza tax-xorb.

Ikkunsidrat:

Skont ir-rapport tat-Tabib Mario Scerri esebit fl-atti tal-process verbal dana sab illi z-zewg sewwieqa, kemm Raymond Aquilina kif ukoll James Buhagiar kellhom livell ta' alkohol aktar gholi minn dak stabbilit mil-ligi. Aquilina kien qed isuq b'mod galbat fuq in-naha tieghu tat-triq u dan il-livell gholi ta' alkohol ma jidhirx illi affettwalu l-modalità tas-sewqan. Hu x'inhu Raymond Aquilina mhuwiex addebitat bl-ebda akkuzi in konnessjoni ma' dan l-incident. Mhux l-istess, però, l-appellant Buhagiar illi fuqu nstab illi kien hemm livell ta' alkohol aktar gholi minn dak stabbilit mil-ligi. Jista' jkun illi dan il-livell kien il-fattur kontributorju principali il ghala l-appellant kien qed isuq b'velocità eccessiva fuq in-naha hazina tat-triq. Hu sahaq illi l-unika prova illi hemm kontra tieghu huwa d-dokument esebit mit-Tabib Mario Scerri.

Ikkunsidrat:

It-Tabib Mario Scerri huwa espert forensiku illi jigi mqabbad regolarment mill-Qorti sabiex jirrelata dwar kwistjonijiet teknici illi jinqalghu minn zmien ghal zmien. Veru illi bhala principju generali l-Qorti mhiex marbuta b'xi relazzjoni teknika. Però dana ma jfissirx illi ghandha twarrab relazzjoni b'mod kapriccjuz minghajr ma almenu jkollha l-konfort ta' relazzjonijiet ohra illi jmeru l-ewwel relazzjoni.

F'dan il-kaz din il-Qorti ma ghandha l-ebda raguni il ghaliex tiddubita mill-konkluzjoni mlahhqa tat-Tabib Mario Scerri. Wara illi ddahhal fl-isptar Mater Dei, xi hin wara l-incident l-appellant ta l-kunsens tieghu sabiex jigi kkalkulat il-livell ta' alkohol u rrizulta illi dan kien 116 mg/dl li huwa livell aktar gholi minn dak stabbilit mil-ligi. Din il-prova hija bizzejjed sabiex il-Qorti tistabilixxi r-responsabiltà ghal dak li jirrigwarda r-raba' u l-hames akkuzi. U sewwa ghamlet l-ewwel Qorti meta bbazat il-konkluzjonijiet taghha fuq ir-relazzjoni teknika tat-Tabib Scerri.

L-appellant, però ilmenta ukoll dwar il-piena u qal illi kienet harxa wisq specjalment is-sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn. Argumenta li wara kollox dana kien incident involontarju u piena bhal din mhiex ser tghin lis-socjetà u lanqas mhuma ser jonqsu l-incidenti tat-traffiku.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti thoss illi l-ewwel Qorti erogat piena gusta u ekwa f'dawn ic-cirkostanzi. L-incident gara fis-sieghat bikrin ta' filghodu tal-ewwel tas-sena, hin verament perikoluz meta s-sewwieqa xi ftit jew wisq ikunu kollha inebrijati b'ammont ta' alkohol waqt ic-celebrazzjonijiet ta' gheluq tas-sena. L-awtoritajiet johorgu avvizi fuq il-mezzi tax-xandir kull sena f'dawn iz-zmienijiet sabiex ifakkru lin-nies, specjalment lis-sewwieqa, joqghodu ferm attenti dwar ix-xorb li jikkunsmaw u jzommu dan f'limiti accettabbli aktar u aktar meta jkunu se jsuqu vetturi fit-triq. L-appellant ma tax kas dawn it-twissijiet, xorob ammont ta' alkohol aktar mil-limitu stabbilt mil-ligi, dahal

f’Land Rover – karozza ta’ certa piz u sahha – saqha b’velocità eccessiva ta’ mija u sitt kilometri (106 kms) fis-siegha, mar wrong side, habat ma’ karozza zghira u kkawza griehi serji lis-sewwieq kif ukoll hsara rriparabbli lill-vettura.

Ma hemmx dubbju illi l-appellant messu pprevedi illi f’dik il-kondizzjoni u b’dak is-sewqan zgur kien sejjer jikkawza xi hsara. Dana m’ghamlux u baqa’ ghaddej bhallikieku t-triq kienet tieghu. Dan huwa proprju l-agir illi s-socjetà ma tistax tittollera fl-ebda zmien,  ahseb u ara f’dak iz-zmien delekat tac-celebrazzjonijiet tal-ewwel tas-sena. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti meta kienet severa mal-appellant, inkluz is-sospensjoni tal-licenzja ghal sentejn. Jekk l-appellant jidhirlu illi din il-piena hija drokonjana jew forsi jiddependi mis-sewqan ghax-xoghol tieghu, imissu qaghad aktar attent meta dahal wara l-isteering biex isuq b’dak il-mod irresponsabbli illi saq. Fil-kawza Il-Pulizija kontra Paul Azzopardi deciza fl-4 ta’ Awwissu 2006 il-Qorti qalet li l-fatt li driver ikun jiddependi mis-sewqan ghall-ghejxien tieghu “ma jintitolax lil din il-Qorti li tmur kontra l-ligi espressa billi ma tapplikax l-iskwalifika mandatorja ghax kieku kellu jsir hekk, dan ikun ifisser li min l-aktar irid joqghod attent fis-sewqan tieghu, ghax ikun qed isuq il-hin kollu, ghandu xi immunità mill-kastig meta jinqabad isuq hazin.”

Il-piena erogata mill-ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-ligi u kif osserva l-istess appellant fir-rikors tal-appell tieghu li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun erogat. Ghalhekk mhux il-kaz illi din id-deskrizzjoni tigi disturbata.

L-istess jinghad ghall-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Dan l-apprezzament kien wiehed ragjonevoli u legali bbazat fuq il-provi illi l-Qorti kellha quddiemha. Din il-Qorti, ghalhekk, tista’ liberament u serenament toqghod fuq id-decizjoni tal-ewwel Qorti peress li ma gie vjolat l-ebda dritt fondamentali tal-akkuzat u kif inghad,  il-

konkluzjoni kienet wahda legali u ragjonevoli. Ghalhekk mhux il-kaz illi l-ewwel sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------